



# Lazzaro Pisani (1854-1932)

*f'għeluq il-160 sena minn twelidu*

**Olivia Borg**
B.A.(Hons.), M.A.

## Introduzzjoni


*Pisani żagħżugħ (1872)*

Bla dubju ta' xejn, il-Pittur Lazzaro Pisani huwa wieħed mill-artisti ewlenin li ħadmu bla heda biex għollew il-livell tal-arti f'Malta. Huwa kien bniedem eżemplari, kwiet u mogħti b'ruħu u b'ġismu għall-pittura, bogħod minn kull ftaħir. F'xogħlijietu huwa dejjem fittex li jsegwi l-ideali tal-arti li kienu qed jiżviluppaw f'pajjiżi oħra waqt li jħalli l-kurrenti tal-ispirazzjoni jiggwidawh.

Pisani twieled f'Ħaż-Żebbuġ fil-15 ta' Diċembru 1854 minn Agostino Pisani u Giuseppa mwielda Sciortino u miet fil-31 t'Awwissu 1932 fl-għomor ta' 78 sena fid-dar li kellu f'San Pawl il-Baħar u li kienet isservi ta' villeġġjatura. Ġie midfun fil-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ. Kien miżżewweġ lil Maria Concetta mwielda Frendo Cumbo u kellu tlett itfal: May li mietet ta' sena u nofs, Robbie li miet ta' sentejn u Maria Rosaria, l-unika waħda li ma mititx ftit wara t-twelid.

## Il-Bidu tal-Karriera u ż-Żgħożija


*Prof. Salvatore Luigi Pisani, pittura ta' Lazzaro Pisani (1909)*

F'Ħaż-Żebbuġ, Pisani kien ipitter fid-dar fejn kien joqgħod. Jingħad li biex ikollu aktar dawl u ambjent xieraq fejn jaħdem, fetaħ tieqa fuq il-gallarija faċċata tad-dar. Pisani mbagħad mar joqgħod il-Belt iżda l-ġibda lejn belt twelidu baqgħet fih u fis-sajf, Pisani kien spiss jiġi Ħaż-Żebbuġ.

Pisani, li sa minn ċkunitu beda juri l-ġibda tiegħu lejn l-arti, beda jistudja d-Disinn fil-Liċeo mal-Professur Michele Bellanti (1807-1883) u kien dejjem jiġi l-ewwel fil-klassi. Imbagħad, wara rakkomandazzjoni tal-Kavallier Pietro Paolo Bonnici Mompalao, dam jitħarreġ għal madwar sentejn mal-Pittur Carlo Ignazio Cortis (1826-1900) li kien ġie minn Ruma biex jirrestawra l-pittura tal-korsija tal-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt. Minn taħt idejn Cortis, Pisani wera progress kbir tant li Cortis innifsu ħajru jmur ikompli l-istudji tiegħu f'Ruma, fejn fil-fatt mar fl-1870.

F'Ruma, Pisani kompla jiżviluppa u jipperfezzjona l-ħiliet tiegħu taħt it-tmexxija tal-Professur Luigi Fontana (1827-1908); il-pittur, l-iskultur u l-arkitett li skolpixxa l-istatwa

tal-fidda ta' San Filep t'Aġġira li nsibu f'Ħaż-Żebbuġ. Studja wkoll fl-Akkademja ta' San Luqa u kellu x-xorti li jkun wieħed mill-istudenti li anki rebħu l-premju prestiġġjuż ta' din l-Akkademja. Fl-1874, fl-età tenera ta' għoxrin sena, Pisani marad bil-malarja u kellu jiġi lura Malta. Huwa fieq sentejn wara bil-kura u l-attenzjoni li ngħata mill-Professur Salvatore Luigi Pisani (1828-1908) li eventwalment fl-1885 kien maħtur bħala Uffiċjal Mediku Ewlieni. Wara din il-marda kiefra, il-ħeġġa għall-pittura bdiet tonqoslu u ddeċieda li jinkiteb fl-Università għall-kors fl-Arkitettura billi diġà kellu bażi soda f'dan is-suġġett minħabba l-istudji tiegħu f'Ruma. Aktar tard, ġie mqabbad jgħallem fil-klassijiet tal-istudenti periti. Madankollu, qrabatu u kull min kien jaf bis-suċċessi tiegħu, fost l-oħrajn Mons. Paolo Pullicino (1815-1890) li kien ħabib sew tal-familja Pisani, għamlu ħilithom biex ma jabbadunax il-karriera fl-arti. Pullicino, apparti li kien maħtur spettur ewlieni tal-iskejjel, huwa meqjus bħala pijunier fost dawk li ppromovew l-edukazzjoni anki għax matul it-tieni nofs tas-seklu dsatax bdew jinfetħu skejjel primarji f'ħafna mill-ibliet u l-irħula ta' pajjiżna. F'din il-ħabta, Lazzaro Pisani kien ġie nominat ukoll bħala surmast tad-Disinn fl-iskejjel primarji tal-Gvern ta' Bormla. Kien jgħallem ukoll f'diversi skejjel, kemm governattivi u kemm privati.

Il-vaganzi tas-sajf Pisani kien iqattagħhom f'Ruma u fi bliet oħrajn Taljani biex ikun jista' jsegwi mill-qrib il-movimenti artistiċi ta' żmienu. Saħansitra fl-1888 kien imqabbad mill-Gvern lokali biex imur jistudja l-metodi ta' tagħlim tal-iskejjel Taljani fid-disinn artistiku bl-iskop li dawn jiġu addottati wkoll f'Malta.

Pisani, għalkemm mogħni b'talent kbir, ma kienx iżommu għalih waħdu. Ta' min isemmi l-inkoraġġiment, l-istruzzjoni artistika u anki l-għajnuna finanzjarja li hu ta mill-qalb liż-żewġ kuġini tiegħu, Antonio (1879-1947) u Francesco Saverio Sciortino (1875-1958) li għamlu unur lil Malta bħala skulturi. Huwa kien jgħin ukoll lil żgħażagħ oħra bħalu li kien iħoss li għandhom il-ħila fl-arti. Fost l-istudenti tiegħu li għamlu isem insibu lill-Pitturi Giuseppe Maria Caruana (1899-1964) u lil Toussaint Busuttil (1912-1994), it-tnejn miż-Żejtun, u lill-Iskultur Ignazio Cefai (1894-1981).

Fl-1885 Pisani ħa sehem fil-*Colonial Exhibition* ta' Londra bil-kwadru 'Il-Mewt ta' Abel' li ġie mfaħħar ħafna minn artisti u mgħallma ta' żmienu u kiseb medalja tal-fidda. Hu kiseb medalja oħra tal-fidda għall-istess kwadru fil-*Colonial Exhibition* tal-1924.

Madankollu, minkejja d-diversi kwadri li pitter, nistgħu ngħidu li Pisani ddedika ħajtu jaħdem bla waqfien biex bil-kapaċità tiegħu jsebbaħ il-knejjes ta' Malta u Għawdex. Fl-arti li kien joħloq fil-knejjes huwa dejjem fittex u għaraf ir-reliġjożità storika tas-suġġett li jkun se jpitter waqt li jippreżenta lid-devoti kull qaddis bil-karattru partikolari tiegħu. Għalhekk, minkejja ż-żmien li għadda minn fuq dawn il-pitturi, huma għadhom jidhru friski u armonjużi u għadhom jappellaw għas-sensi bħal meta pinġihom l-artist.



*Il-Mewt ta' Abel (1885). Tinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti*

Meta Pisani ġie lura Malta minn Ruma huwa kellu madwar għoxrin sena filwaqt li l-kontemporanju tiegħu

Giuseppe Calì kellu tmienja u għoxrin sena (1846- 1930). Kienu t-tnejn spiċċaw l-istudji tagħhom fl-Italja; Calì f'Napli u Pisani f'Ruma. It-tnejn ġew imħarrġa b'mod rigoruż fil-klassiċiżmu u f'Malta sabu l-opportunità li juru ħilithom fl-arti sagra. Barra minn hekk, Pisani kellu wkoll l-iżvantaġġ li tilef sentejn marid bil-malarja. Għalhekk, Pisani kellu jikkompeti ma' avversarju qawwi ħafna artistikament.

## Il-Karattru

Apparti minn hekk, Pisani kien ta' natura riservata, introvert, dedikat għall-familja u kien ifittex attivitajiet kulturali li minnhom infushom jitolbu ċertu ġabra bħalma huma l-konferenzi minn oraturi kbar li kienu jsiru fl-*Aula Magna* tal-Università fi Triq San Pawl il-Belt jew fl-*Istituto di Cultura* u ma tantx kien ifittex l-attivitajiet soċjali ħlief meta jkun mistieden ma' martu. Mill-banda l-oħra, Calì kien l-oppost. Kellu karattru storbjuż, kien estrovert u kien iħobb imur fil-kafetteriji ewlenin tal-Belt fejn kien jagħmel ħafna ħbieb u jikseb il-fama. Għall-kuntrarju, sa dak iż-żmien, Pisani kien apprezzat biss minn ftit nies ta' klassi kolta bħal monsinjuri u membri tal-kleru, tobba, avukati, kompożituri u xejn inqas mill-istudenti numerużi tiegħu.



*Ritratt juri ċ-ċerimonja tal-wasla tal-kwadru tas-Sagra Familja li wara tpoġġa fuq l-artal maġġur tal-Knisja tal-Istitut ta' San Ġużepp f'Santa Venera. Il-Pittur Lazzaro Pisani jidher flimkien ma' bintu fuq il-lemin. Fuq il-lemin jidher ukoll Mons. Giuseppe De Piro.*

Pisani huwa kkunsidrat bħala pittur tal-arti sagra u bħala ritrattista u x-xogħlijiet fuq dawn is-suġġetti jiffurmaw il-parti l-kbira tal-opra tiegħu. Ħafna drabi hu kien jagħmel użu minn pajsaġġi jew minn xi strutturi arkitettoniċi bħala sfond għall-pittura sagra u dan mingħajr ma jnaqqas xejn mill-attenzjoni lejn is-suġġett prinċipali tal-kwadru. Wieħed tajjeb li jżomm f'moħħu li hemm differenza bejn pittur tal-pajsaġġi u pittur tal-arti sagra mhux biss fit-tematika tagħhom iżda anki filosofikament. Fil-fatt, it-tpinġija tal-pajsaġġi ħafna drabi hija kontemplattiva u aktarx għandha t-tendenza li tgħin lill-pittur jaħrab minn ħsibijiet koroh waqt li minnha nfisha l-arti sagra għandha bażi morali u l-iskop tagħha kien ikun li tgħallem. Għalhekk, Pisani aktar juża l-pajsaġġ bħala tema sekondarja. Minbarra li kien pittur, Pisani kien ukoll restawratur metikoluż immens.

## Ix-Xogħlijiet Tiegħu

Kwadru sabiħ ħafna u uniku huwa dak li juri xbejba qed taqra ittra. Mhux magħruf għala Pisani pinġa dan il-kwadru u lanqas nafu għaliex f'ħajtu qatt ma esebieh iżda jibqa' l-fatt li dan juri kemm kien artist versatili. Kwadru ieħor ta' fama li esebixxa diversi drabi u li qatt ma ried ibigħu huwa 'Il-Mewt ta' Abel.' Dan il-kwadru huwa kapolavur ta' teknika u perfezzjoni u joħroġ b'mod speċjali l-karattri opposti ta' Kajjin u Abel u l-pajsaġġ li jsaħħrek ta' madwarhom. Għalkemm Pisani ma kienx pittur tal-pajsaġġ, huwa xorta kien jeċċella fit-tpinġija tal-pajsaġġi. Jingħad li matul il-karriera tiegħu pinġa wkoll xi pajsaġġi



L-Aħħar Ċena, l-Għasri

għal xi kollezzjonisti privati.

Fil-kwadru prinċipali tal-Knisja tal-Istitut ta' San Ġużepp f'Santa Venera, li juri s-Sagra Familja, Pisani rnexxielu joħroġ l-imħabba u l-qdusija tal-karattri. Dan il-kwadru ġie rregalat lill-Istitut minn Monsinjur Angelo Portelli (1852-1927) u ġie milqugħ mid-Direttur tal-Istitut, Monsinjur Giuseppe De Piro (1877-1933), b'entużjażmu kbir waqt festa mħejjija apposta bil-banda tal-Istitut iddoqq mużika ferrieħa u bi bnadar armati ma' kullimkien.

Għall-Knisja Parrokkjali tal-Għasri f'Għawdex, mibnija bejn l-1903 u l-1916, Pisani pinġa l-kwadru titulari li juri l-Aħħar Ċena. Dan ġie mqiegħed fuq l-artal maġġur fl-1917 fost il-ferħ ta' bosta mill-Għasrin. Dan il-kwadru, minħabba l-forma tawwalija u dejqa tiegħu, ħoloq diffikultajiet kbar lill-artist biex jinkludi fih il-personaġġi kollha. Tant hu hekk li fil-fatt, normalment l-Aħħar Ċena dejjem tkun ippreżentata b'mod orizzontali, bħalma hi dik tal-pittur magħruf Rinaxximentali Leonardo Da Vinci (1452-1519).

Fost il-ħafna biċċiet tal-arti l-aktar magħrufa fil-knejjes ta' gżiritna nsibu l-kwadru li juri lil Sant'Antnin ta' Padova fil-Knisja tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema, il-kwadru li juri lil San Alfons fil-Parroċċa ta' Ħal Lija, il-pittura maestuża tas-saqaf tal-Bażilika tan-Nadur li turi stadji differenti fil-ħajja ta' San Pietru u San Pawl li dam jaħdem fuqha għal tnax-il sena bejn l-1915 u l-1927, kwadru li juri lil San Rafel fil-Knisja tal-Birgu, il-kwadru titulari li juri lil Marija Mtellgħa s-Sema fil-Knisja tal-Imġarr f'Malta, il-kwadru titulari tal-Qalb ta' Ġesù fil-Knisja ta' Sant'Ubaldeska f'Raħal Ġdid u kwadri li juru l-Kunċizzjoni, il-Madonna tal-Karmnu u dik tar-Rużarju fil-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ, il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju fil-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu f'Tas-Sliema u ħafna u ħafna oħrajn.



Il-kwadru tal-Qalb ta' Ġesù fil-Knisja ta' Sant'Ubaldeska – Paola

Ix-xogħol ta' Pisani mas-saqaf tal-Knisja tan-Nadur hu meqjus bħala opra monumentali. Għax-xogħol ta' dan il-maqdes, li l-perit tiegħu kien Francesco Saverio Sciortino, huwa introduċa għall-

ewwel darba f'Malta u Għawdex teknika ġdida. Huwa kien ipinġi l-pitturi fl-istudju tiegħu fuq tila ppreparata apposta minnu stess li wara kienet titwaħħal b'kolla speċjali ppreparata minnu wkoll fuq il-ġebla u dan minflok l-użu tal-metodu *a fresco* meta l-pittura kienet titpitter direttament fuq il-ġebla. Il-metodu *a fresco*, minħabba li l-ġebla Maltija hija umduża u mielħa, kien ikun ta' ħsara għall-pittura u kultant anki l-kawża tal-qerda totali tagħha. B'din it-teknika ġdida ta' Pisani, din il-ħsara ġiet evitata, u jekk xi darba t-tila kellha tinqala' minn mal-ġebla, il-pittura setgħet tiġi restawrata u mwaħħla f'postha mill-ġdid, mingħajr ma titlef l-ebda effett li l-artist kellu f'moħħu. Fis-saqaf ta' din il-Knisja Pisani ma ħalla ebda spazju vojt għax madwar il-kwadri prinċipali huwa pinġa diversi anġli qegħdin iżommu simboli u oġġetti komuni fiċ-ċerimonji liturġiċi bħal ċensier, kalċi u friegħi taż-żebbuġ u tal-palm. Min jifli l-pittura li żżejjen lil din il-Bażilika, jinduna li l-artist studja b'mod profond il-fatti storiċi msemmija fil-Bibbja.

Fl-1930 huwa beda x-xogħol fuq is-saqaf tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi iżda ma laħaqx spiċċah. Eventwalment dan tlesta mill-Professur Carmine Palmieri ta' Ruma.


*Id-Duluri (1924)*

Bint l-artist, Maria Rosaria, għaddiet lil *Heritage Malta* ħdax-il pittura taż-żejt fuq it-tila magħmula minn missierha biex jitgawdew mill-pubbliku u fl-2008 ittellgħet esebizzjoni bihom fil-Mużew tal-Arti fi Triq Nofsinhar fil-Belt. Il-pitturi esebiti kienu jinkludu 'Il-Mewt ta' Abel,' 'L-Ittra,' 'San Disma' jew il-ħalliel it-tajjeb, il-pittura tal-artist innifsu, pittura ta' martu Maria Concetta, pittura ta' ibnu Robbie u ta' bintu Maria, 'Lady Edeline Strickland' mart il-Prim Ministru Gerald Strickland (1861-1940), 'Mrs. Gauci,' 'Id-Duluri' u pittura tal-Kavallier Pietro Paolo Bonnici Mompalao.

Pisani pitter ukoll ritratt tal-Imħallef Salvatore Naudi (1820-1900). Dan il-kwadru jinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti. L-Imħallef Naudi kien wieħed mill-iktar membri prominenti tal-professjoni legali ta' żmienu u kien anki membru fil-Kunsill tal-Gvern. Inħatar imħallef fl-1859 u serva għal 36 sena sħaħ fil-ġudikatura sakemm irtira fl-1895. Kien ukoll wieħed mill-ewwel Maltin li ngħataw it-titlu ta' Kavallieri u ġie maħtur kumpan tal-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ. Din il-pittura tal-era Romantika hija simili għal pitturi li juru d-diversi mħallfin ta' dak il-perjodu u li tpittru minn Calì.

## Ħidmietu b'Rabta mal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ

Fl-1871, fl-età tenera ta' sbatax-il sena, Pisani fassal id-disinn għall-pedestall, għall-kapitelli u għar-raġġiera tas-salib tal-ebanu li kien joħroġ fil-purċissjoni tat-3 ta' Mejju. Fl-1897 imbagħad, Pisani ntalab jagħmel disinn għar-rakkmu tat-terħa tal-bellus tal-artal maġġur għall-festa ta' San Filep. Dan id-disinn kien maħseb li jinħadem mid-ditta tal-oġġetti sagri *Fanfani* ta' Ruma. Madankollu, din id-ditta m'aċċettatx dan id-disinn u ħolqot wieħed hi stess. Fl-opinjoni tal-Istoriku Dun Salv Caruana, id-ditta *Fanfani* "għamlet dan id-disinn għax riditu iżjed sempliċi (132). Jingħad li Pisani ħa għalih li d-disinn tiegħu ġie rrifjutat u ħa għaxar skudi bħala ħlas għad-disinn li għamel.



*Tifkira tal-Kungress Ewkaristiku*

Fl-1884, Pisani rrestawra l-kwadru tat-titular fl-artal tal-kor; biċċa xogħol li għaliha ħa 144 skud. Fl-1887 kien maħsub li jsir xi tibdil fil-binja tal-artal maġġur u Pisani ntalab jagħmel disinn għalih.

Id-disinn oriġinali ta' dan l-artal kien tal-pittur Senglean Francesco Zahra (1710-1773). Id-disinn ta' Pisani, li sewa 36 skud, kabbar l-artal u ntgħoġob wisq mill-kleru u miż-Żebbuġin. Fl-1895 Pisani għamel id-disinn għall-ventaltar tal-fidda li jintrama fl-artal maġġur fil-festa ta' San Filep.

Għal madwar is-sena 1898, Pisani kien inkarigat volontarjament mid-dekorazzjoni u r-restawr tal-koppla tal-knisja minn ġewwa. Pisani pitter bejn it-twieqi tal-koppla. Hawn naraw it-tmien beatitudnijiet li huma espressi permezz ta' personaġġi differenti mit-Testment il-Qadim: Danjel, Mosè, Ġeremija, Elija, Tobija, Ġużeppi, Abel u David.

Pisani pitter ukoll l-erba' dutturi tal-Knisja: San Girgor, Santu Wistin, San Ġwann Grisostmu u San Atanasju. Dawn il-pitturi ngħataw kull tifħir mill-kritiċi tal-arti. Skont Dun Salv Caruana, Pisani kien stieden irġiel Żebbuġin biex jippużaw meta ġie biex ipitter lil dawn l-erba' personaġġi.

Fl-1924 Pisani pitter il-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura u flimkien miegħu pitter ieħor għall-knisja tal-Munxar f'Għawdex. Ta' interess huwa wkoll il-kwadru ta' Santa Katerina li wkoll jinsab fil-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ u dak ta' San Filep qed jiskonġra li jinsab fil-knisja tal-Kalkara ddedikata lil San Ġużepp.

F'dan il-kwadru mpitter fl-1896, li juri lil San Filep qed jeħles lil wieħed minn taħt il-ħakma tax-xitan, naraw il-passjoni ta' Pisani lejn l-arti u l-kapaċità tiegħu mżewġin mal-imħabba lejn il-patrun ta' belt twelidu.

Jingħad li meta l-bennejja Żebbuġin tal-knisja tal-Kalkara lestew ix-xogħol b'wiċċ il-ġid, b'radd il-ħajr lil San Filep kienu kkummissjonaw lil Lazzru Pisani biex jagħmel dil-pittura u kienu huma stess li rregalawha lill-parroċċa tal-Kalkara.

## Għeluq

B'radd il-ħajr u b'apprezzament għal ħidmietu fil-knisja arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ, fl-1893, l-arċipriet ta' dak iż-żmien Dun Luigi Attard għamel talba lill-Kurja tal-Isqof biex lil Pisani jingħatalu qabar fil-knisja mingħajr ħlas biex ikun jista' jindifen hu flimkien mal-familja tiegħu. B'xorti tajba din it-talb intlaqgħet mill-Kurja u kien proprju Pisani stess li żejjen il-qabar b'lapida tal-irħam u b'iskrizzjoni fuqha li tgħid:

Lazzaro Pisani
Mill-Belt Rohan
Li Ħabb miċ-Ċokon l-Arti tal-Pittura
**Żejjen dan it-Tempju**
b'Imħabba u Kwadri mill-Isbaħ
**Ħejja dan il-Post ta' Kwiet**
Għalih, għal Martu Marija Concetta
u għall-Familja Tiegħu.

Lapida oħra f'ġieħ il-memorja tiegħu tinsab mal-faċċata tad-dar fejn kien joqgħod, f'Numru 13 fi Triq Dun Mikiel Xerri f'Ħaż-Żebbuġ u li tgħid

F'din id-dar, fil-15 ta' Diċembru 1854,
ra dawl il-ħajja
Lazzaro Pisani (pittur)
li bix-xogħol tiegħu, ta ġieħ
lil art twelidu.

### Ftit eżempji mix-xogħlijiet ta' Lazzaro Pisani...



*L-Ittra*



*Il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju fil-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu f'Tas-Sliema*



*Pittura tal-artist innifsu (1916)*



*Kav. Pietro Paolo Bonnici Mompalao (1876)*




*San Disma (1913)*



*Maria Pisani (1912)*



*Robbie Pisani (1915)*



*Maria Concetta Pisani (1916)*



*Mrs Gauci (1907)*



*Lady Edeline Strickland*



*Il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fil-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ*



*Ritratt storiku tal-1915 li juri l-membri tal-Kumitat Nazzjonali għat-Twaqqif tal-Monument ta' Kristu Re fil-Furjana flimkien mal-Iskultur Antonio Sciortino. Il-Pittur Lazzaro Pisani qiegħed fl-ewwel filliera, bilqiegħda t-tieni mix-xellug waqt li Sciortino jinsab fl-istess filliera, fir-raba' post mix-xellug.*

Pisani ħadem bla heda tul ħajtu kollha u ħalla patrimonju kbir lil art twelidu. Huwa kien bniedem mogħni bi kwalitajiet sbieħ; umli u jħobb il-kwiet, bniedem ta' għarfien profond li qasam it-talenti tiegħu ma' ħaddieħor. F'kull xogħol tiegħu huwa kien dejjem imħeġġeġ mix-xewqa li jrid ikompli jistinka biex jissupera lilu nnifsu u l-limitazzjonijiet tiegħu biex joħloq arti li għall-ġmiel u għall-perfezzjoni tagħha m'għandhiex fruntieri. Beltna onoratu wkoll bi triq imsemmija għalih.

Ftit eżempji mix-xogħlijiet ta' Lazzaro Pisani:

**Referenzi**

Caruana, Dun Salv. *Il-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ: Ġabra ta' Kitbiet*. Malta: 2010. p. 131-135. Stampat.

Pellegrini, Vincenzo Maria. *Espożizzjoni dwar il-pittur Lazzaro Pisani, 1854-1932*. Il-Belt Valletta: Reġistru Pubbliku, 1992. Stampat.

http://www.europeana.eu/portal/search.html?query=lazzaro+pisani&rows=24. L-aħħar aċċess fid-19 t'April 2014. Sit elettroniku.

# Ħaż-Żebbuġ Raħal Twelidna…

## Nibżgħu għalih u għall-patrimonju tagħna